2025/2025

3.10.2025

Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emendar tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

A. *Ittra mill-Unjoni*

Sinjur,

Għandi l-unur nirreferi għan-negozjati li saru fil-qafas tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), dwar l-emendar ta' xi protokolli ta' dan il-Ftehim.

Wara n-negozjati, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu li:

Iż-żewġ partijiet jirreferu għad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Unjoni Ewropea u tal-Marokk wara l-14-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li saret fis-27 ta' Ġunju 2019 fi Brussell, u għall-pożizzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni kif espressi mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom.

L-Unjoni Ewropea, b'referenza għad-dikjarazzjoni tagħha li saret mal-iffirmar, qablet mar-Renju tal-Marokk li jdaħħal id-Dikjarazzjoni Konġunta li ġejja wara l-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni:

"Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra ('il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni')

1. Il-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent li huma suġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali tar-Renju tal-Marokk għandhom jibbenefikaw mill-istess preferenzi kummerċjali bħal dawk mogħtija mill-Unjoni Ewropea għall-prodotti koperti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

2. Il-Protokoll Nru 4 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-iskop li tiġi jiġi ddefinit il-karattru tal-oriġini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 inkluż fir-rigward tal-provi tal-oriġini [1].

3. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tar-Renju tal-Marokk għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tal-Protokoll Nru 4 għal dawn il-prodotti.

4. L-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu li jippermettu l-identifikazzjoni tal-prodotti msemmijin fil-paragrafu 1 billi ssir referenza għar-reġjun tal-oriġini fil-provi tal-oriġini previsti fil-Protokoll 4.

5. L-Unjoni Ewropea tista' tagħti, għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, lill-awtoritajiet Marokkini responsabbli għal dan l-għan, l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa għat-tħejjija taċ-ċertifikati ta' konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

6. L-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk jaqblu li l-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix koperti minn dan il-Ftehim għandhom jiġu ttikkettati b'indikazzjoni tal-post tal-oriġini tagħhom kif indikat fiċ-ċertifikati tal-oriġini skont il-paragrafu 4 ta' hawn fuq."

L-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li japplikaw il-protokolli skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar ir-rispett għal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem.

L-inklużjoni ta' din id-dikjarazzjoni konġunta hija bbażata fuq is-sħubija privileġġjata stabbilita sew bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, kif b'mod partikolari stabbilita permezz tal-istatus avvanzat mogħti lil dan tal-aħħar, kif ukoll fuq l-ambizzjoni komuni tal-Partijiet li japprofondixxu din is-sħubija u jwessgħuha.

[1] L-awtoritajiet doganali tar-Renju tal-Marokk għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 4 għall-prodotti msemmijin fil-paragrafu 1.

F'dan l-ispirtu ta' shubija u sabiex il-Partijiet ikunu jistgħu jevalwaw l-impatt ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari fuq l-iżvilupp sostenibbli u fir-rigward tal-vantaġġi skont dan il-Ftehim u l-isfruttament tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu b'mod reċiproku li jiskambjaw informazzjoni fil-qafas tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mill-inqas darba fis-sena.

Il-modalitajiet speċifiċi ta' dan l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni ser jiġu determinati sussegwentement bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħhom mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Dan il-Ftehim jista' jkun applikat fuq bażi provviżorja bi ftehim reċiproku permezz ta' skambju ta' notifiki bejn iż-żewġ Partijiet mid-data tal-iffirmar awtorizzat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara d-data li fih iż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw it-tlestija tal-proċeduri interni għall-adozzjoni tiegħu.

Dan il-Ftehim jissostitwixxi l-Ftehim tal-2018.

Napprezza jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan ta' hawn fuq.

Jekk jogħġbok, Sinjur, aċċetta l-ogħla stima tiegħi.

Съставено в Брюксел на трети октомври две хиляди двадесет и пета година.
Hecho en Bruselas, el tres de octubre de dos mil veinticinco.
V Bruselu dne třetího října dva tisíce dvacet pět.
Udfærdiget i Bruxelles den tredje oktober to tusind og femogtyve.
Geschehen zu Brüssel am dritten Oktober zweitausendfünfundzwanzig.
Kahe tuhande kahekümne viienda aasta oktoobrikuu kolmandal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις τρεις Οκτωβρίου δύο χιλιάδες είκοσι πέντε.
Done at Brussels on the third day of October in the year two thousand and twenty five.
Fait à Bruxelles, le trois octobre deux mille vingt-cinq.
Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an tríú lá de Dheireadh Fómhair sa bhliain dhá mhíle fiche a cúig.
Sastavljeno u Bruxellesu trećeg listopada godine dvije tisuće dvadeset pete.
Fatto a Bruxelles, addì tre ottobre duemilaventicinque.
Briselē, divi tūkstoši divdesmit piektā gada trešajā oktobrī.
Priimta du tūkstančiai dvidešimt penktų metų spalio trečią dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezerhuszonötödik év október havának harmadik napján.
Magħmul fi Brussell, fit-tielet jum ta' Ottubru fis-sena elfejn u ħamsa u għoxrin.
Gedaan te Brussel, drie oktober tweeduizend vijfentwintig.
Sporządzono w Brukseli dnia trzeciego października roku dwa tysiące dwudziestego piątego.
Feito em Bruxelas, em três de outubro de dois mil e vinte e cinco.
Întocmit la Bruxelles la trei octombrie două mii douăzeci și cinci.
V Bruseli tretieho októbra dvetisícdvadsaťpäť.
V Bruslju, tretjega oktobra dva tisoč petindvajset.
Tehty Brysselissä kolmantena päivänä lokakuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäviisi.
Som skedde i Bryssel den tredje oktober år tjugohundratjugofem.
حرر ببروكسيل، في الثالث من أكتوبر سنة ألفين وخمسة وعشرون.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

عن الاتحاد الأوروبي

Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emendar tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

F'konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti") tal-4 ta' Ottubru 2024 fil-kawżi magħquda C-779/21 P u C-799/21 P, u bil-ħsieb li jiġu pprovduti benefiċċji speċifiċi, konkreti, sostanzjali, u verifikabbli lill-grupp ta' benefiċjarji msemmi fil-paragrafu 153 ta' dik is-sentenza, l-Unjoni Ewropea l-ewwel se tipprovdi finanzjament għar-reġjun li jiffoka fuq setturi ewlenin, bħall-ilma inklużi l-irrigazzjoni, l-enerġija, il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, u d-desalinizzazzjoni tal-ilma f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli. Il-mekkaniżmu ta' valutazzjoni konġunta previst fl-iskambju ta' ittri se jiġi implimentat mill-partijiet.

Fl-istess ħin, l-Unjoni Ewropea ser tintensifika l-assistenza umanitarja tagħha għall-kampijiet ta' Tindouf. Din l-għajnuna se titwassal permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tal-Unjoni Ewropea u n-NU, u se tkun irregolata mill-istess modus operandi li dejjem irregola l-azzjoni umanitarja.

Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea se tappoġġa programmi xierqa f'setturi bħall-edukazzjoni, il-kultura u l-ħiliet.

Se jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ regolari f'konformità mal-paragrafu 153 tas-sentenza msemmija hawn fuq, inkluż il-mekkaniżmu ta' valutazzjoni konġunta.

B. *Ittra mir-Renju tal-Marokk*

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li l-kontenut tagħha huwa dan:

"Sinjur,

Għandi l-unur nirreferi għan-negozjati li saru fil-qafas tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra ('il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni'), dwar l-emendar ta' xi protokolli ta' dan il-Ftehim.

Wara n-negozjati, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu li:

Iż-żewġ partijiet jirreferu għad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Unjoni Ewropea u tal-Marokk wara l-14-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li saret fis-27 ta' Ġunju 2019 fi Brussell, u għall-pożizzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni kif espressi mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom.

L-Unjoni Ewropea, b'referenza għad-dikjarazzjoni tagħha li saret mal-iffirmar, qablet mar-Renju tal-Marokk li jdaħħal id-Dikjarazzjoni Konġunta li ġejja wara l-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni:

"Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra ('il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni')

1. Il-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent li huma suġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali tar-Renju tal-Marokk għandhom jibbenefikaw mill-istess preferenzi kummerċjali bħal dawk mogħtija mill-Unjoni Ewropea għall-prodotti koperti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

2. Il-Protokoll Nru 4 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-iskop li tiġi jiġi ddefinit il-karattru tal-oriġini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 inkluż fir-rigward tal-provi tal-oriġini [1].

3. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tar-Renju tal-Marokk għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tal-Protokoll Nru 4 għal dawn il-prodotti.

4. L-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu li jippermettu l-identifikazzjoni tal-prodotti msemmijin fil-paragrafu 1 billi ssir referenza għar-reġjun tal-oriġini fil-provi tal-oriġini previsti fil-Protokoll 4.

5. L-Unjoni Ewropea tista' tagħti, għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, lill-awtoritajiet Marokkini responsabbli għal dan l-għan, l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa għat-tħejjija taċ-ċertifikati ta' konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

6. L-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk jaqblu li l-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix koperti minn dan il-Ftehim għandhom jiġu ttikkettati b'indikazzjoni tal-post tal-oriġini tagħhom kif indikat fiċ-ċertifikati tal-oriġini skont il-paragrafu 4 ta' hawn fuq."

L-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li japplikaw il-protokolli skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar ir-rispett għal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem.

L-inklużjoni ta' din id-dikjarazzjoni konġunta hija bbażata fuq is-sħubija privileġġjata stabbilita sew bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, kif b'mod partikolari stabbilita permezz tal-istatus avvanzat mogħti lil dan tal-aħħar, kif ukoll fuq l-ambizzjoni komuni tal-Partijiet li japprofondixxu din is-sħubija u jwessgħuha.

F'dan l-ispirtu ta' sħubija u sabiex il-Partijiet ikunu jistgħu jevalwaw l-impatt ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari fuq l-iżvilupp sostenibbli u fir-rigward tal-vantaġġi skont dan il-Ftehim u l-isfruttament tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu b'mod reċiproku li jiskambjaw informazzjoni fil-qafas tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mill-inqas darba fis-sena.

[1] L-awtoritajiet doganali tar-Renju tal-Marokk għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 4 għall-prodotti msemmijin fil-paragrafu 1.

Il-modalitajiet speċifiċi ta' dan l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni ser jiġu determinati sussegwentement bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħhom mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Dan il-Ftehim jista' jkun applikat fuq bażi provviżorja bi ftehim reċiproku permezz ta' skambju ta' notifiki bejn iż-żewġ Partijiet mid-data tal-iffirmar awtorizzat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara d-data li fih iż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw it-tlestija tal-proċeduri interni għall-adozzjoni tiegħu.

Dan il-Ftehim jissostitwixxi l-Ftehim tal-2018.

Napprezza jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan ta' hawn fuq.

Jekk jogħġbok, Sinjur, aċċetta l-ogħla stima tiegħi."

Nista' nikkonferma li l-Gvern tiegħi jieħu nota tal-elementi kollha ta' hawn fuq u jesprimi l-qbil tiegħu mal-kontenut ta' din l-ittra.

Jekk jogħġbok, Sinjur, aċċetta l-ogħla stima tiegħi.

حرر ببروكسيل، في الثالث من أكتوبر سنة ألفين وخمسة وعشرون.
Съставено в Брюксел на трети октомври две хиляди двадесет и пета година.
Hecho en Bruselas, el tres de octubre de dos mil veinticinco.
V Bruselu dne třetího října dva tisíce dvacet pět.
Udfærdiget i Bruxelles den tredje oktober to tusind og femogtyve.
Geschehen zu Brüssel am dritten Oktober zweitausendfünfundzwanzig.
Kahe tuhande kahekümne viienda aasta oktoobrikuu kolmandal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις τρεις Οκτωβρίου δύο χιλιάδες είκοσι πέντε.
Done at Brussels on the third day of October in the year two thousand and twenty five.
Fait à Bruxelles, le trois octobre deux mille vingt-cinq.
Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an tríú lá de Dheireadh Fómhair sa bhliain dhá mhíle fiche a cúig.
Sastavljeno u Bruxellesu trećeg listopada godine dvije tisuće dvadeset pete.
Fatto a Bruxelles, addì tre ottobre duemilaventicinque.
Briselē, divi tūkstoši divdesmit piektā gada trešajā oktobrī.
Priimta du tūkstančiai dvidešimt penktų metų spalio trečią dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezerhuszonötödik év október havának harmadik napján.
Magħmul fi Brussell, fit-tielet jum ta' Ottubru fis-sena elfejn u ħamsa u għoxrin.
Gedaan te Brussel, drie oktober tweeduizend vijfentwintig.
Sporządzono w Brukseli dnia trzeciego października roku dwa tysiące dwudziestego piątego.
Feito em Bruxelas, em três de outubro de dois mil e vinte e cinco.
Întocmit la Bruxelles la trei octombrie două mii douăzeci și cinci.
V Bruseli tretieho októbra dvetisícdvadsaťpäť.
V Bruslju, tretjega oktobra dva tisoč petindvajset.
Tehty Brysselissä kolmantena päivänä lokakuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäviisi.
Som skedde i Bryssel den tredje oktober år tjugohundratjugofem.

عن المملكة المغربية

За Кралство Мароко
Por el Reino de Marruecos
Za Marocké království
For Kongeriget Marokko
Für das Königreich Marokko
Maroko Kuningriigi nimel
Για το Βασίλειο του Μαρόκου
For the Kingdom of Morocco
Pour le Royaume du Maroc
Thar ceann Ríocht Mharacó
Za Kraljevinu Maroko
Per il Regno del Marocco
Marokas Karalistes vārdā –
Maroko Karalystės vardu
A Marokkói Királyság részéről
Għar-Renju tal-Marokk
Voor het Koninkrijk Marokko
W imieniu Królestwa Marokańskiego
Pelo Reino de Marrocos
Pentru Regatul Maroc
Za Marocké kráľovstvo
Za Kraljevino Maroko
Marokon kuningaskunnan puolesta
För Konungariket Marocko